MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI

Seduta ta' l-4 ta' Lulju, 2012

Citazzjoni Numru. 48/2012

**Pauline Sultana mart Anton sive Tonio Schembri u Anton sive Tonio Schembri f'isimhom proprju u f'isem binthom minuri Diane Schembri maghrufa bhala Sarah Diane Schembri**

**vs**

**Id-Direttur tar-Registru Pubbliku**

Il-Qorti;

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu gie premess is-segwenti:-

(1) Illi l-Att tat-Twelid ta' bint il-minuri ta' l-esponenti Anton Schembri u Pauline Sultana bin0numru disgha u tmenin (89) tas-sena elfejn u tnax (2012) huwa skorrett billi fil-parti relattiva ghat-"Taghrif dwar it-Tarbija" fil-kolonna intestata "Ismijiet moghtija" u "Isem jew ismijiet

moghtijin” l-isem hemm indikat bhala “Diane” huwa skorrett u minflok ghandu jkun “Sarah Diane” (Dok A).

(2) Illi l-minuri twieldet fit-tmintax (18) ta’ April tas-sena elfejn u tnax (2012) u giet registrata mill-esponenti Tonio Schembri ftit jiem wara, fi zmien meta l-omm kienet ghadha rikoverata l-isptar u kienet ghadha mhiex f’pozizzjoni li tikkomunika ma’ zewgha u tiddiskuti mieghu l-isem li kellu jinghata.

(3) Illi in fatti, meta gie registrat it-twelid ta’ din it-tarbija, l-omm kienet ghadha rikoverata l-isptar t’Ghawdex.

(4) Illi meta l-omm irkuprat lura sahhitha, ftit jiem wara, hija flimkien ma’ zewgha bdew isejhu lil binthom Sarah Diane.

(5) Illi l-familjari u l-hbieb ta’ l-istess konjugi esponenti lkoll jafu lill- minuri bl-isem ta’ Sarah Diane.

(6) Illi l-esponenti ghadhom ma ghammdux lill-minuri izda huma bil-hsieb li jghammduha bl-isem ta’ Sarah kif deltronde hija maghrufa minn kulhadd.

(7) Illi ghalhekk, kellha ssir din il-kawza sabiex il-konvenut jigi ordnat jaffettwa d-debita korrezzjoni fic-certifikat tat-twelid billi l-isem jinbidel minn ‘Diane’ ghal ‘Sarah Diane’

Ghalhekk ir-rikorrenti talbu lil din il-Qorti sabiex:

i. Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex ghar-ragunijiet hawn fuq imsemmija huwa jikkoregi c-certifikat tat-twelid fuq imsemmi minnu mahrug, fis-sens illi fil-parti relattiva ghat-“Taghrif dwar it-Tarbija” fil-kolonna intestata “Ismijiet moghtija” l-isem hemm indikat bhala “Diane” jigi sostitwit bl-isem “Sarah Diane”.

Bl-ispejjez.

Rat ir-risposta tad-Direttur Registru Pubbliku li permezz taghha eccepixxa :

1. Illi l-esponenti mhux qieghed jopponi ruhu ghat-talba tar-rikorrenti u ghalhekk qieghed jirrimetti ruhu ghas-savju gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti;

2. Illi nonostanti l-esponenti m'ghandux ibati l-ispejjez tal-istanti.

Bl-ispejjez.

Rat li saret il-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern kif tikkontempla l-ligi.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi mill-affidavits rrizulta li l-minuri hija maghrufa bhala Sarah Diane mill-genituri taghha u mill-familjari ohra taghha.

Tqis ukoll pero' li ma jidhirx li dan irrizulta minhabba xi zball li huwa imputabbli lill-konvenut b'xi mod.

Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda tilqa' t-talbiet attrici u dan billi :

Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku jikkoregi c-certifikat tat-twelid bin-numru disgha u tmenin (89) tas-sena elfejn u tnax (2012) fis-sens illi fil-parti relattiva ghat-"Taghrif dwar it-Tarbija" fil-kolonna intestata "Ismijiet moghtija" l-isem hemm indikat bhala "Diane" jigi sostitwit bl-isem "Sarah Diane".

Spejjez a karigu tar-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------